# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Tletin (30) ta’ Ġunju 2021**

**Rikors Numru 124/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Maria Viviana magħrufa bħala Vivien Psaila ID 205153M u zewġha Joseph Psaila ID 900051M u uliedhom Etienne Psaila ID 487675M, Melanie Agius mart Kevin Agius xebba Psaila ID 198081M u Alison Duncan mart Swithun Duncan xebba Psaila ID 562683M u Leander Psaila ID 499894M lkoll bħala ġenituri u aħwa tal-mejta Sharon Psaila rispettivament**

**Vs**

**Mario Aquilina**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 11 ta’ Frar 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

> *Illi din hija kawża sabiex it-testment unica carta atti tan-Nutar Philip Said tal-24 ta’ Mejju 2002 li kien sar bejn Sharon Psaila, u l-konvenut jiġi dikjarat null stante li ż-żwieġ tagħhom kien ġie annullat tenut kont li Sharon Psaila kienet interdetta meta ż-żwieġ tagħha ġie annullat u lanqas kieku riedet ma setgħet wara li ġie annullat iż-żwieġ tagħha tvarja tali testament.*

*Illi l-mejta Sharon Psaila hija bint l-atturi Maria Viviana magħrufa bħala Vivien Psaila u żewġha Joseph Psaila u oħt l-atturi l-oħra kollha f'din l-kawża.*

*Illi hija u żewġha kellhom erbat itfal minn dawn iż-żwieġ ċioe Etienne, Melanie, Alison u l-mejta Sharon Psaila li mietet fit-30 ta' Ġunju 2018 fl-eta ta' 43 sena.*

*Illi minn l-istess ċertifikat tal-mewt jirriżulta ċar li Sharon Psaila mietet xebba.*

*Illi bintha Sharon Psaila fl-4 ta' Diċembru 2001 kienet iżżewġet lill-konvenut Mario Aquilina liema żwieġ ġie dikjarat null fid-9 ta' Frar 2016.*

*Illi sakemm bintha kienet għadha f'saħħitha hija u l-konvenut kienu għamlu testament unica carta fl-atti tan-Nutar Philip Said tal-24 ta' Mejju 2002 li permezz tiegħu hija u l-konvenut kienu ħallew werrieta lil xulxin kemm-il darba ma jkollhomx tfal.*

*Illi permezz ta' digriet tal-24 ta' April 2015 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) Sharon Psaila ġiet interdetta u l-esponenti ommha maħtura kuratriċi ta' bintha Sharon Psaila stante li l-marda li żviluppatilha dik ta' multiple scleroris kienet tant aggressiva li affetwatha kemm fiżikament u kif ukoll mentalment.*

*Illi l-konvenut, kif ra hekk, abbanduna lil martu u beda relazzjoni ma' ħaddieħor ċioe mas-seftura li kellhom il-partijiet, u dan minflok ħa ħsieb lil martu, u beda proċeduri ta' medjazzjoni biex jissepara minn ma' martu fid-9 ta' Awissu 2016 u wara beda l-kawża ta' separazzjoni minn mal-istess martu, liema kawża u medjazzjoni saru kontra omm il-mejtha Sharon Psaila bħala kuratriċi tal-interdetta bintha Sharon Psaila li għadha pendenti sal-lum.*

*Illi s-separazzjoni bonarja ma seħħitx stante li l-konvenut ma riedx li l-ex mara tiegħu Sharon Psaila tibqa' fid-dar sal-ftit jiem li kien baqgħalha ħajja iżda ried li d-dar tinbiegħ mingħajr ma ta soluzzjoni dwar fejn tista' tmur l-istess ex martu meta tispiċċa bla dar.*

*Illi l-esponenti qed jippreżentaw ritratti ta' kif kienet bintha tmint ijiem qabel iżżewġet lil konvenut fis-sena 2001, u kif saret taf bil-marda f'Awissu 2017.*

*Illi l-konvenut qatt ma ħa ħsieb lil martu u abbandunaha meta hija mardet anzi ġab l-annullament tal-Knisja fuq il-pretiża li hija ħbietlu din l-marda meta sussegwentement irriżulta mix-xhieda tal-psikjatra*

*Dr Anton Grech, fis-seduta tad-9 ta' Frar 2018, fil-kawża ta' separazzjoni tal-partijiet kawża numru 288/16 AL ċioe "Lill-attur (ċioe l-konvenut f'din il-kawża) nagħrfu għax kien jiġi għall-appuntament magħha mill-bidu li bdejt naraha. Meta ma kienx ikun jista' jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol kont nibgħatlu r-risposti mat-tabib tagħhom, Dr George Grech". U fl-istess xhieda l-psikjatra Dr Anton Grech xehed li beda jara lil Sharon Psaila fis-sena 1999. Il-partijiet iżżewgu fis-sena 2001 u għalhekk il-konvenut kien jaf bil-marda li kellha martu.*

*Illi l-attriċi omm il-mejta Sharon Psaila dejjem ħadet ħsieb il-bżonnijiet ta' bintha hija u l-konvenut qatt ma għadda manteniment lil ex martu sakemm iż-żwieġ ġie dikjarat null. Dan jixhduh it-tobba kuranti u l-carers tal-mejta Sharon Psaila.*

*Illi ġara għalhekk li meta mietet Sharon Psaila l-konvenut qed jippretendi li huwa wiret lil ex-martu permezz ta' testament unica carta atti tan-Nutar Philip Said tal-24 ta' Mejju 2002 u saħansitra intavola rikors fl-atti tal-kawża ta' separazzjoni biex bħala werriet universali tal-mejta Sharon Psaila l-kawża tas-separazzjoni tieqaf stante li huwa l-werriet universali tal-mejta ex-martu Sharon Psaila.*

*Illi l-atturi jikkontendu li tali testament unica carta atti tan-Nutar Philip Said tal-24 ta Mejju 2002 huwa null stante li tali testament jista' jsir biss bejn il-miżżewġin u ġaladarba ż-żwieġ tal-partijiet ġie dikjarat null isegwi li meta sar it-testment unica carta fl-24 ta' Mejju 2002 il-partijiet ma kinux miżżewġin u għalhekk tali donazzjoni mogħtija minn Sharon Psaila permezz ta' dan it-testment unica carta tal-24 ta' Mejju 2002 lil konvenut hija nulla ex tunc kif del resto huma d-disposizzjonijiet kollha tal-istess testament unica carta.*

*Illi l-konvenut baqa' jikkontendi li huwa werriet ta' l-ex mara tiegħu Sharon Psaila permezz ta' testament unica carta tal-24 ta' Mejju 2002 nutar Philip Said u għalhekk kellha ssir din l-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(a) tiddikjara null u bla effett it-testment unica carta li sar bejn l-konvenut u l-mejta Sharon Psaila fl-24 ta' Mejju 2002 atti Nutar Philip Said.*

*(b) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jinsinwa tali dikjarazzjoni ta' nullita fl-insinwa*

*(c) Tagħti dawk l-ordnijiet u direttiva kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2019, l-intimat Mario Aquilina laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *ILLI qabel xejn, l-atturi għandhom jiddikjaraw ċar id-disposizzjonijiet tal-liġi li fuqhom qed jibbażaw din l-azzjoni;*

    2. *ILLI fil-mertu, u f'kull każ, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda billi t-testment impunjat, pubblikat minn-Nutar Philip Said fl-24 ta' Mejju 2002, għandu r-rekwiżiti essenzjali kollha li trid il-liġi, u għalhekk huwa validu u jirregola s-suċċessjoni tal-mejta martu. Dan it-testment, fil-forma 'unica carta' kien pubblikat wara ż-żwieġ tal-eċċipjent mal-mejta Sharon Psaila, li kien ċelebrat fl-4 ta' Diċembru 2001 (u mhux 2011 kif erronjament indikat mill-atturi), u ferm qabel ma l-istess żwieġ ġie dikjarat null għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi ċivili;*

    3. *ILLI mingħajr preġudizzju u f'kull każ, minkejja li ż-żwieġ bejn l-eżżipjent u l-mejta Sharon Psaila kien dikjarat null, l-effetti kollha ta' żwieġ validu huma meqjusa li kienu jeżistu favur l-eċċipjent ukoll għaż-żmien kollu li għadda bejn meta kien ċelebrat fl-4 ta' Diċembru 2001 u meta għaddiet f'ġudikat is-sentenza tan-nullita' tiegħu fid-9 ta' Frar 2016;*

    4. *B'riżerva għal eċċezzjonijiet oħra li l-esponent jista' jressaq wara li l-atturi jwieġbu għall-ewwel eċċezzjoni tiegħu.*

    5. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019, il-Qorti talbet lir-rikorrenti jindirizzaw l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat.

4. Rat li, permezz ta' Nota datata 25 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti ċċaraw il-bażi tal-azzjoni tagħhom billi qalu s-segwenti:

    *(a) Li t-talbiet tagħhom huma sabiex it-testment unica carta li sar bejn il-konvenut u l-ex mara tiegħu Sharon Aquilina Psaila jiġi dikjarat null.*

    *Li l-bażi legali hija s-segwenti:*

    *(b) Li testament unica carta ai termini tal-Artkiolu 592 tal-Kodiċi Ċivili jista' jsir biss bejn il-miżżewġin.*

    *Li z-żwieġ bejn il-partijiet ġie dikjarat null ab initio ċioe mill-mument tas-signor si.*

*Difatti s-sentenza tal-annullament sabiex li n-nullita hija bażata "on the ground of lack of due discretion of judgment and inability to assume marital obligations on the part of respndent". A fol 15 tas-sentenza l-aħħar paragrafu it-Tribunal kompla jispjega li " From the above testimony applying the medical data on Multiple Sclerosis to Sharon's case, moral certainty can be reached that at the moment of marital consent, Sharon lacked discretion for marriage and was unable to assume marital obligations because she had been suffering from this condition for four years before the wedding and her condition had already been deteriorating."*

*Ai termini tal-Artikolu 592 tal-Kap 16: Testment magħmul mill-konjuġi bl-istess att wieħed jew bħala ma ġeneralment jissejjaħ unica carta hu validu.*

*Artikolu 595 tal-Kap 16 - Ma jistgħux żewġ persuni jew iżjed ħlief il-konjuġi jagħmlu testment f'wieħed u l-istess att la favur terza persuna u lanqas b'dispożizzjoni favur ta' xulxin.*

*Għalhekk testment unica carta jista jsir biss bejn il-miżżewġin u ġaladarba ż-żwieġ bejn il-partijiet ġie dikjarat null ab initio anke t-testment carta li kien sar bejniethom huwa null ab initio stante li l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizjat stante li f'dak il-mument ġie stabbilit li ma kinux konjuġi stante li ż-żwieġ ġie annullat ab initio.*

*Dina hija t-talba li qed issir mill-atturi u l-bażi legali għal din it-talba.*

5. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2019, il-Qorti ordnat illi jinġiebu l-provi fil-kawża.

## Provi

6. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

7. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-intimat flimkien mar-risposta ġuramentata tiegħu.

8. Rat l-affidavit ta' **Maria Viviana Psaila** ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2020 (fol 63) u dokumentazzjoni magħha annessa.

9. Rat illi fil-5 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

10. Rat illi ġew allegati l-atti tar-Rikors Nru 82/2015 deċiż mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2016 fejn is-sentenza tal-annullament tat-Tribunal Ekklesjastiku ġie rikonoxxjut skond il-Liġi.

11. Rat l-affidavit ta' **Mario Aquilina** ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2020. (fol 97)

12. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Mario Aquilina illi saret fid-29 ta' Settembru 2020.

13. Rat illi fid-29 ta' Settembru 2020 il-partijiet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jiġu ppreżentati w il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

14. Rat in-nota tas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-konsulent legali tar-rikorrenti ippreżentata fil-5 ta' Novembru 2020. (fol 137)

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub tal-konsulent legali ta' l-intimat ippreżentata fil-5 ta' Jannar 2021. (fol 149)

16. Rat illi fl-14 ta' Jannar 2021, il-partijiet talbu sabiex ikunu jistgħu jittrattaw oralment il-każ tagħhom.

17. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-28 ta' April 2021, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

18. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi r-rikorrenti Maria Viviana sive Vivien Psaila u Joseph Psaila kienu l-ġenituri ta' Sharon Psaila, filwaqt illi r-rikorrenti l-oħra kienu lkoll aħwa ta' l-istess Sharon Psaila.

19. Jirriżulta illi Sharon Psaila mietet ta' tlieta u erbgħin sena (43) fit-30 ta' Ġunju 2018 wara li kienet ilha ssofri mill-kundizzjoni ta' 'Multiple Sclerosis' għal ħafna snin qabel.

20. Jirriżulta illi l-istess Sharon Psaila kienet miżżewġa ma' l-intimat, Mario Aquilina, fejn iżżewġet miegħu fl-4 ta' Diċembru 2001 wara illi kienu ilhom joħorġu flimkien sa mis-sena 1992, kif stqarr l-istess intimat fl-affidavit tiegħu. (fol 98)

21. Jirriżulta, skond l-affidavit tar-rikorrenti Vivienne Psaila, illi fis-sajf tas-sena 1998, it-tifla tagħha, Sharon Psaila, ingħatat l-aħbar illi hija kienet affettwata mill-Multiple Sclerosis.

22. Jirriżulta illi l-intimat jisħaq illi huwa qatt ma ġie infurmat b'tali fatt qabel iż-żwieġ, u kien sar jaf illi l-mara tiegħu, Sharon Psaila, kienet tbagħti minn Multiple Sclerosis wara ż-żwieġ tagħhom li sar fl-aħħar tas-sena 2001.

23. Jirriżulta illi ftit wara ż-żwieġ, fl-24 ta' Mejju 2002, l-intimat flimkien ma' martu Sharon Psaila, għamlu testment Unica Carta quddiem in-Nutar Philip Said fejn innominaw lil xulxin eredi propretarji assoluti f'każ illi ma jkollhomx ulied u jiġi nieqes xi wieħed minnhom – fol 7.

24. Jirriżulta illi miż-żwieġ tagħhom, Sharon Psaila w l-intimat ma kellhomx tfal.

25. Jirriżulta illi s-sitwazzjoni ta' saħħa ta' Sharon Psaila bdiet taggrava ruħha u fis-snin 2007/2008 spiċċat li ma setgħetx timxi aktar w kellha toqgħod ġo 'wheelchair'. Filwaqt illi kemm l-intimat kif ukoll martu Sharon Psaila baqgħu jgħixu fl-istess dar, is-saħħa ta' Sharon Psaila bdiet tiddeterjora serjament u r-rikorrenti bdew jinvolvu ruħhom aktar fil-kura tagħha. Eventwalment, is-sitwazzjoni bejn l-intimat u r-rikorrenti omm Sharon Psaila, ossija Vivienne Psaila, wasslet sabiex eventwalment l-intimat ħass li kellu jitlaq mid-dar konjugali kif ukoll kellu jieħu passi legali.

26. Jirriżulta, di fatti, illi fis-sena 2012 l-intimat nieda proċeduri ta' annullament quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku li eventwalment, fid-29 ta' April 2015, iddikkjaraw iż-żwieġ null, liema sentenza ġiet kkonfermata mill-Qorti Ċivili tal-Appell fid-9 ta' Frar 2016.

27. Jirriżulta illi f'April tas-sena 2015, Sharon Psaila ġiet interdetta w r-rikorrenti Viviana Psaila ġiet maħtura kuratriċi tagħha.

28. Sussegwentement, fis-sena 2016, huwa beda kawża ta' separazzjoni minn ma' martu Sharon Psaila, liema kawża għadha pendenti sa' llum, anke wara illi mietet Sharon Psaila.

## Ikkunsidrat

29. Jirriżulta, mir-rikors promotur kif redatt u n-nota spjegattiva illi saret sussegwentement, illi l-azzjoni odjerna ġiet imnehdija mir-rikorrenti sabiex jiġi dikjarat illi t-testment Unica Carta illi sar bejn Sharon Psaila u l-intimat Mario Aquilina fl-24 ta' Mejju 2002 huwa null peress illi, a tenur tal-Artikolu 595 tal-Kap 16, tali testment jista' jsir biss bejn konjuġi miżżewġin u, la darba ż-żwieġ tagħhom ġie dikjarat null '*ab initio*' fuq talba ta' l-intimat, allura dak ifisser illi t-testment Unica Carta huwa null wkoll.

30. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, l-intimat qiegħed jisħaq illi, abbażi tal-Artikolu 20 tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kap 255 li jirregola l-effetti ta' żwieġ putattiv, it-testment, li qatt ma tħassar mill-istess Sharon Psaila waqt li kienet ħajja, għandu jitqies bħala wieħed validu fil-Liġi.

31. Il-Qorti tosserva illi, di fatti, sabiex il-każ jiġi kunsidrat kif mistħoqq, jenħtieġ illi jiġu kkunsidrati kemm l-Artikolu 595 tal-Kap 16 kif ukoll l-Artikolu 20 tal-Kap 255.

32. Jirriżulta illi l-Artikolu 595 tal-Kap 16 jipprovdi illi testment unica carta jista' jsir biss bejn il-konjuġi, u tipprovdi dan li ġej:

*Ma jistgħux żewġ persuni jew iżjed, ħlief il-konjuġi, jagħmlu testment f'wieħed u l-istess att, la favur terza persuna u lanqas b'disposizzjoni favur ta' xulxin:*

33. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Artikolu 20 tal-Kap 255, ossija Att dwar iż-Żwieġ, jipprovdi għall-effett legali f'każ illi żwieġ jiġi dikjarat null. Tali artiklu jipprovdi għal varji sitwazzjonijiet, u dana meta tipprovdi dan li ġej:

*(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata, meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.(**sottolinjar tal-Qorti**)*

*(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perjodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien.*

34. Jirriżulta illi s-siltiet tal-artiklu fuq imsemmija u rilevanti għall-każ odjern huma attwalment is-subartikoli (1), (3) u (4) tal-fuq imsemmija Artikolu 20, fejn ilkoll jagħmlu referenza għall-element tal-*bona fide* fiż-żwieġ inniffsu.

35. Il-Qorti tifhem illi l-liġi hija redatta sabiex tipproteġi lill-parti fiż-żwieġ li kien in buona fede meta żżewweġ, u għalhekk jenħtieġ illi jiġi eżaminat l-element tal-buona fede fiż-żwieġ ta' bejn Sharon Psaila w l-intimat Mario Aquilina.

### *Bona fide*

36. Il-Qorti tibda billi tosserva illi fil-proċeduri odjerni, apparti dokumentazzjoni dwar proċeduri ekklesjastiċi, l-uniċi persuni illi xehdu kienu Vivien Psaila, ossija waħda mir-rikorrenti, li kienet ukoll omm Sharon Psaila, u Mario Aquilina, ossija l-intimat u raġel ta' Sharon Psaila.

37. Il-Qorti tifhem illi l-proċeduri ta' separazzjoni bejn l-intimat u l-mejta Sharon Psaila għadhom pendenti, fejn r-rikorrenti Vivien Psaila qiegħda tirrappreżenta l-interessi ta' bintha l-mejta Sharon Psaila.

38. Il-Qorti tifhem ukoll illi stante illi tali proċeduri għadhom pendenti, l-atti ta' dawna l-proċeduri ma setgħux jinġiebu quddiem din l-Qorti.

39. Madanakollu, ir-rikorrenti, fost id-dokumentazzjoni ppreżentati minnhom, eżebew ix-xhieda tal-Psikjatra Anton Grech, illi ngħatat fid-9 ta' Frar 2018. F'tali xhieda, huwa jikkonferma illi huwa kien ra lil Sharon Psaila l-ewwel darba fis-sena 1999 "*minħabba d-depression u kienet diġa' diagnosed bil-multiple sclerosis*" (fol 21) fejn stqarr ukoll illi kienet ilha diagnosed sa mis-sena 1997.

40. Li huwa rilevanti ħafna, skond ir-rikorrenti, fix-xhieda ta' l-istess Psikjatra Anton Grech, huwa dak li qal fl-aħħar tax-xhieda tiegħu dwar ir-rikorrent, fejn qal "*Lill-attur (Mario Aquilina) ngħarfu għax kien jiġi għall-appuntamenti magħha mill-bidu li bdejt naraha. Meta ma kienx ikun jista' jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol kont nibgħatlu r-risposti mat-tabib tagħhom Dr George Grech*".

41. Dana huwa kkontestat mill-intimat, fix-xhieda tiegħu, kemm permezz ta' affidavit kif ukoll in kontro eżami, fejn jagħmel emfażi ħafna drabi illi huwa kien sar jaf bil-kundizzjoni ta' Sharon Psaila **wara** illi huma żżewġu f'Diċembru 2001, u tali verżjoni tal-fatti huwa qalha wkoll lit-Tribunal Ekklesjastiku, li abbażi ta' tali dikjarazzjoni ikkonkludiet li "*he was very much in love with Sharon and very naive not to question the nature of her illness and not to enquire about it since she was often being unwell.*" (fol 54)

42. F'dana l-istadju, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, irrispettivament mill-fatt jekk l-intimat kienx attwalment a korrent tal-fatt illi Sharon Psaila kellhiex il-marda ta' Multiple Sclerosis jew le fil-mument illi żżewweġ magħha, ċertament dana ma jistax jimpinġi fuq l-element ta' buona fede da parte tiegħu meta huwa żżewwiġha.

43. Għalhekk, l-argument ibbażat mill-partijiet fuq bona fede ma hijiex daqstant rilevanti, fil-proċeduri odjerni, fejn tirrigwarda l-validita' o meno tat-testment Unica Carta.

**Inkapaċita' biex tiddisponi**

44. Il-Qorti tirrileva illi l-Qrati huma Qrati ta' Ġustizzja, u għalhekk trid tassikura ruħha illi l-ġustizzja attwalment issir. Dana qiegħed jingħad in vista ta' dak illi issa l-Qorti ser tikkunsidra.

45. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-kawża, kif ġia fuq indikat, tirrigwarda l-validita' o meno ta' testment illi sar bejn l-intimat u martu Sharon Psaila.

46. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi għal varji stanzi fejn Testment ma għandux jitqies bħala validu, u l-Qorti, f'dana l-istadju, tqis illi għandha tagħmel referenza għal dak

stipulat fl-Artiklu 597 tal-Kap 16, u partikolarment is-subartikolu (d) ta' tali artiklu, illi jgħid is-segwenti:

> *Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment:*
>
> *(d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;*

47. Il-Qorti tosserva illi l-Psikjatra Dr Anton Grech, fix-xhieda tiegħu fl-atti tal-kawża ta' separazzjoni pendenti sa issa, u li kopja tieghu ġiet ippreżentata fl-atti tal-kawża odjerna, stqarr illi Sharon Psaila "*tbagħti mill-multiple sclerosis li hi a neurological disorder u mhux psychiaric disorder pero peress li taffettwa l-moħħ jista' jkollha sintomi mentali.*" Huwa jkompli jgħid illi "*Multiple Sclerosis hija kondizzjoni li taffettwa l-moħħ u n-nervituri b'dan li meta tkun fi stadju avvanzat tista' twassal għal problemi serji ta' mobilta' u/jew intelletwali.*" (fol 21)

48. Il-Qorti tirrileva wkoll illi, kif stqarr fl-affidavit tiegħu l-intimat, id-deċiżjoni ta' Sharon Psaila biex tiżżewweġ, wara illi kienet ilha tlett snin ġia tbagħti minn l-effetti tal-marda Multiple Sclerosis, kienet waħda fejn "*Sharon riedet li kollox isir bil-ħeffa*". L-intimat saħaq illi ma setax jifhem dwar l-għaġla kollha w li riedet tagħmel kollox bil-moħbi, imma ried jikkuntentaha. Jirriżulta wkoll illi Sharon Psaila għażlet illi tiżżewweġ bl-libsa tat-tieġ tal-kulur maroon u mhux bajda, kif dejjem isir. Fi kliem l-intimat stess "*Jien ħassejt li ċ-ċirkostanzi kollha madwar dan it-tieġ kienu strambi ħafna*". (fol 99)

49. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi tali aġir ta' Sharon Psaila ma kinux ta' persuna illi kienet kapaċi mentalment tieħu deċiżjonijiet, u jidher ċar illi l-effetti mentali u psikoloġiċi tal-marda qerrieda Multiple Sclerosis ġia bdew ikollha l-effett fuqha.

50. Ta' l-istess opinjoni kien it-Tribunal Ekklesjastiku fid-deċiżjoni tiegħu datata 6 ta' Mejju 2015 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2016, fejn it-Tribunal ddikjara illi "*this marriage is to be declared null on the ground of lack of due discretion of judgment and inability to assume marital obligations on the part of the Respondent.*"

51. Il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza għal tali deċiżjoni, peress illi, la darba ġie meqjus mit-Tribunal Ekklesjastiku u konfermat mill-Qorti tal-Appell, illi Sharon Psaila kienet inkapaċi tassumi u tifhem l-obbligi tagħha taż-żwieġ abbażi tal-marda tagħha, u dana fid-data taż-żwieġ tagħha fis-sena 2001, dana jfisser ukoll illi fl-24 ta' Mejju 2002, minħabba fid-diżordni mentali u kundizzjoni illi hija kellha, hija ma kienet fi stat kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha meta sar it-testment unica carta ma' l-intimat.

52. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi Sharon Psaila ġiet dikjarata li tbagħti minn Multiple Sclerosis fis-sena 1997 u ftit xhur wara ż-żwieġ tagħhom f'Diċembru

2001, kienet bdiet issofri minn varji diffikultajiet, kemm fiżiċi kif ukoll mentali (fol 50-51).

53. Għalhekk, mill-assjem tal-provi prodotti, kif ukoll mill-atti tal-Appell allegati mal-proċeduri odjerni, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi tasal għall-konklużjoni illi meta Sharon Psaila għamlet it-testment Unica Carta ma' l-intimat fl-24 ta' Mejju 2002, minħabba fil-kundizzjoni medika tagħha illi kienet ilha fuqha ġia għal ħames snin, hija ma kinetx f'posizzjoni illi tidħol f'testment, u għalhekk għandha titqies bħala li kienet inkapaċi li tiddisponi b'testment abbażi tal-Artikolu 597 (d) tal-Kap 16.

**KONKLUŻJONI**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet ta' l-intimat, u għalhekk;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

**Tiddikjara** null u bla effett it-testment *unica carta* li sar bejn l-konvenut Mario Aquilina u l-mejta Sharon Psaila fl-24 ta' Mejju 2002 fl-atti tan-Nutar Philip Said.

**Tordna** lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jinsinwa tali dikjarazzjoni ta' nullita fl-insinwa.

**Bl-ispejjeż** kif mitluba kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**